MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 740/1995/2

Hector **TANTI** u oħtu Vivvie *sive* Victoria mart Joseph Attard f'isimha proprju u bħala mandatriċi speċjali ta' ħuha Charles *sive* Carmelo Tanti, assenti minn Malta

vs

Alfio **MICALLEF GRIMAUD** u martu Maria, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta' Ġunju, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li huma għandhom dritt li, bħala werrieta ta' Maria Grazia Tanti, jingħataw mill-imħarrek rendikont dettaljat ta'

kif mexxa ħwejjiġha matul iż-żmien li huwa kien prokuratur tagħha; u (b) tikkundanna lill-imħarrek biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalu l-Qorti, jagħtihom rendikont dettaljat u soddisfaċenti ta' dak kollu li wettaq u ta' dak kollu li laqa' għandu matul dak iż-żmien li kien prokuratur ta' Maria Grazia Tanti, jekk meħtieġ billi taħtar perit. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-11 ta' Diċembru, 1995, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-attriċi trid turi li tassew għandha s-setgħa li tidher f'din il-kawża f'isem ħuha l-imsiefer. L-imħarrka laqgħet billi qalet li m'għandhiex post fil-kawża u tħarrket għal xejn. Fil-mertu, laqgħu ukoll billi qalu li ladarba hemm proċeduri pendenti quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, dwar il-ħatra tal-imħarrek bħala eżekutur testamentarju, r-rimedju waħdien tal-atturi huwa dak li jitolbu r-reviżjoni tal-inventarju mħejji minnu, jekk kemm-il darba ma jogħġobhomx dak li fih. Temmew jgħidu li l-imħarrek kien igawdi l-fiduċja sħiħa ta' zitu d-*decuius* u l-interess tal-atturi huwa dak li jaraw x'fadal mill-ġid tagħha mal-mewt tagħha u mhux li jistħarrġu x'kien qiegħed isir matul ħajjitha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ġunju, 1996[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet, liema ħatra kienet sospiża b'degriet tas-16 ta' Ottubru, 1996;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Frar, 1999[2], li bih ordnat lil-partijiet iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar it-tielet eċċezzjoni mqajma mill-imħarrkin (jiġifieri dik li titkellem dwar ir-rimedju li l-atturi kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom ladarba ma kinux kuntenti bir-rendikont li kien tahom l-imħarrek);

[1] Paġ. 38 tal-proċess
[2] Paġ. 303 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-26 ta’ Marzu, 1999[3];

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fl-4 ta’ Ottubru, 1999[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta’ Jannar, 2002[5] li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b’rikors tagħhom tas-16 ta’ Frar, 2001, ħatret lill-Avukat Dottor Carmelo Vassallo bħala perit komputista biex jiddetermina l-konsistenza tal-assi ta’ Maria Grazia Tanti fil-waqt li kienet ħatret lill-imħarrek bħala prokuratur ġenerali tagħha. Din il-ħatra tħassret b’degriet tat-8 ta’ Marzu, 2002[6], b’riżerva ta’ provvediment ieħor fir-rigward ’il quddiem jekk ikun il-każ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta’ Mejju, 2002, li bih ħatret lill-Avukat Chris Ċilia bħala Assistent Ġudizzjarju biex jiġbor il-provi li kien fadal tal-partijiet, liema ħatra tħassret b’degriet tat-23 ta’ Ottubru, 2003, fejn l-avukat Maria Dolores Gauċi reġgħet inħatret bħala Assistent Ġudizzjarju minflok l-avukat Ċilia;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Ġunju, 2005[7], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi bir-rikors tagħhom tal-15 ta’ Settembru, 2006, ħatret lil Joseph Gaffiero bħala espert kalligrafiku biex jirrelata dwar il-firem fuq żewġ dokumenti li jinsabu f’paġni 272 u 278 rispettivament tal-proċess;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta’ Novembru, 2005[8], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi bir-rikors tagħhom tal-4 ta’ Awissu, 2005, ħatret lill-avukat Malcolm Crockford bħala perit komputista sostitut minflok l-avukat Carmelo Vassallo li ma kienx laqa’ l-ħatra magħmula xi żmien qabel;

---

[3] Paġġ. 304 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 320 – 4 tal-proċess
[5] Paġ. 382 tal-proċess
[6] Paġ. 385 tal-proċess
[7] Paġ. 466 tal-proċess
[8] Paġ. 489 tal-proċess

Rat id-degriet tal-21 ta' Frar, 2006[9], li bih ħatret lill-avukat Renald Micallef bħala perit komputista sostitut minflok l-avukat Crockford;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit komputista fis-17 ta' Mejju, 2006[10], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2006;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-espert tal-kitba Joseph Gaffiero fit-22 ta' Mejju, 2007[11], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2007;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2007 li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin waqt is-smigħ ta' dak inhar, tat lill-istess imħarrkin il-fakulta' li jressqu lill-espert tal-kitba b'xhud tagħhom in eskussjoni;

Rat li l-imħarrkin naqsu milli jinqdew b'dik il-fakulta';

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2008, li bih ħassret *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2007, u tat żmien lill-partijiet biex, b'nota jindikaw l-ismijiet ta' persuni biex jinħatru bħala periti addizzjonali wara n-nota li l-imħarrkin kienu ressqu fit-28 ta' Ġunju, 2007, b'talba f'dan is-sens;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008, li bih ħatret bħala periti tal-kitba addizzjonali lil Martin Bajada u lill-Prokuratriċi Legali Juliana Scerri Ferrante, mgħejjuna mil-avukat Phyllis Farruġia, b'dan li l-imħarrkin kellhom jiddepożitaw preventivament depożitu għall-ħlas tad-drittijiet tal-istess periti;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2008[12], li bih ħassret l-imsemmi degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2008, wara li l-imħarrkin naqsu li jeffettwaw id-depożitu preventiv kif ordnati li jagħmlu, u iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir

---

[9] Paġ. 494 tal-proċess
[10] Paġġ. 501 – 5 tal-proċess
[11] Paġġ. 516 – 9 tal-proċess
[12] Paġ. 540 tal-proċess

tal-provi, billi tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-29 ta' Diċembru, 2008[13];

Rat li l-imħarrkin naqsu milli jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar għoti ta' rendikont minn mandatarju dwar tmexxija ta' ħwejjeġ ta' persuna lil werrieta ta' dik l-istess persuna. L-atturi huma tlieta minn erba' werrieta ta' Maria Grazia Tanti li, fl-aħħar snin ta' ħajjitha, kienet qabbdet bi prokuratur tagħha lill-imħarrek. Minħabba li l-atturi xejn m'huma kuntenti bil-mod kif l-imħarrek mexxa ħwejjeġ il-mejta, qegħdin jitolbu l-għarfien tal-jedd li jingħataw rendikont tajjeb u xieraq tat-tmexxija u li, fil-fatt, jingħatalhom dak ir-rendikont, jekk meħtieġ billi l-Qorti tqabbad perit biex ifittex x'ġara waqt dik l-amministrazzjoni, u li l-imħarrek jagħmel dan fiż-żmien qasir li l-Qorti jogħġobha tiffissalu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qanqlu l-kwestjoni tal-jedd tal-attriċi li tidher għal ħuha msiefer, u wkoll tal-leġittimita' passiva tal-imħarrka li ma għandha l-ebda sehem mill-wirt. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-jedd tal-atturi huwa dak li jitolbu r-reviżjoni tal-inventarju magħmul mill-imħarrek, f'każ li m'humiex soddisfatti b'dak li fih. Fl-aħħar, laqgħu billi qalu li, sakemm kienet għadha ħajja Maria Grazia Tanti, hija kellha fiduċja sħiħa fl-imħarrek, u hu mhuwiex marbut jagħti tagħrif dwar dak li

[13] Paġġ. 542 – 7 tal-proċess

hija kellha matul ħajjitha, imma biss dwar dak li kien jinsab fil-wirt fil-waqt tal-mewt tagħha;

Illi minn dak li joħroġ bħala fatti mill-atti tal-kawża jirriżulta li z-zija paterna tal-atturi, Maria Grazia Tanti, kienet xebba. L-atturi huma wlied ħuha, Carmelo, li miet qabilha. L-imħarrek jiġi kuġin tal-atturi, iben Emanuela, oħt oħra tal-imsemmija Maria Grazia Tanti. Il-wirt ta' Maria Grazia Tanti huwa regolat bis-saħħa ta' testment li hija għamlet fit-12 ta' Awissu, 1987[14], fl-atti tan-Nutar Dottor Ġużi Spiteri. Bl-imsemmi testment, fost l-oħrajn, ħatret lil oħtha u lill-atturi neputijiet tagħha bħala werrieta universali f'ishma mhux indaqs bejniethom, u ħatret lill-imħarrek bħala eżekutur testamentarju tagħha. Filwaqt li lil oħtha Emanuela ħallietha werrieta tas-sehem ta' nofs ($^{1}/_{2}$) tal-ġid tagħha, lill-atturi ħalliethom werrieta universali bejniethom tan-nofs ($^{1}/_{2}$) l-ieħor, bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni ta' wliedhom;

Illi sa mit-3 ta' Awissu tal-1987[15], Tanti kienet qabbdet lill-imħarrek biex jagħmilha ta' prokuratur tagħha. Il-prokura kienet waħda ġenerali. Fl-aħħar seba' snin ta' ħajjitha kienet tgħix f'dar għax-xjuħ f'Ħ'Attard[16]. Maria Grazia Tanti mietet fis-26 ta' Diċembru, 1994[17]. Għalkemm ftit xhur wara li daħlet riedet titlaq minn dik id-dar, ftit ġimgħat wara reġgħet daħlet u baqgħet hemm sakemm mietet[18] Xi żmien wara l-mewt tagħha, f'Mejju tal-1995, l-imħarrek kien ħareġ inventarju tal-ġid tagħha[19]. L-atturi ma kinux kuntenti b'dak ir-rendikont. Saru għadd ta' laqgħat bejn il-partijiet, uħud minnhom b'kuntatti ma' żewġ nutara pubbliċi, iżda l-imħarrek baqa' ma tax lill-atturi tagħrif li ssudisfahom, u lanqas fisser kif xi ġid tal-mejta ma baqax jidher aktar[20]. Il-kawża nfetħet fil-bidu ta' Ġunju, 1995;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ jirrigwardaw il-jedd tal-atturi li jitolbu li jingħatalhom rendikont ta' kif l-imħarrek, bħala prokuratur ta' ħwejjeġ

[14] Dok "B", f'paġġ. 6 – 8 tal-proċess
[15] Dok "SC1", f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess
[16] Affidavit tal-attur Hector Tanti f'paġ. 25 tal-proċess
[17] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Sr. Rosanna Saliba 24.5.2000, f'paġ. 343 tal-proċess
[19] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[20] Affidavit tal-attriċi Vivvie Attard, f'paġġ. 33 – 4 tal-proċess

zitu, mexxa l-ġid tagħha u fiex kien jikkonsisti dak il-ġid. Senjatament, huma m'humiex jimpunjaw il-ħidma tiegħu bħala eżekutur testamentarju għaż-żmien li laħaq żamm din il-ħatra. Dan jagħmluh ċar f'Nota ta' Sottomissjonijiet[21], li huma kienu ressqu – sewwasew fuq talba tal-Qorti – fid-dawl tat-tielet eċċezzjoni mqajma mill-imħarrkin. Dan il-fatt huwa magħruf ukoll fis-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-4 ta' Ottubru, 1999. Huwa evidenti li l-azzjoni tal-atturi għandha l-għan li tistħarreġ it-tmexxija tal-ġid tal-mejta meta din kienet għadha ħajja u hu kien jaġixxi bħala mandatarju tagħha;

Illi f'dan ir-rigward, u kif sewwa jissottomettu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-interess tal-atturi li jressqu din il-kawża jitnissel sewwasew minħabba r-rabta kuntrattwali li l-imħarrek kellu ma' zitu bis-saħħa tal-mandat (prokura ġenerali) li hija kienet tagħtu ftit jiem qabel ma marret tagħmel l-aħħar testment tagħha li bih ħatret lill-atturi u lil omm l-istess imħarrek bħala werrieta tagħha u lill-imħarrek bħala esekutur testamentarju. Dik ir-rabta ġġib fis-seħħ, fost l-oħrajn, l-obbligu tal-mandatarju li jagħti kont lill-mandant (jew lill-werrieta tiegħu) ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun laqa' għandu bis-saħħa u matul iż-żmien tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant[22];

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, tieqaf fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari;

Illi **għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni**, l-atturi ressqu l-prokura speċjali[23] maħruġa mill-attur Charles Tanti, minn Ontario, fil-Kanada, li biha ħatar lil oħtu l-attriċi Vivvie Attard bħala mandatarja tiegħu speċifikatament għall-finijiet tal-kwestjoni involuta fil-kawża tal-lum. Dik il-prokura saret qabel ma nfetħet il-kawża u dwar l-awtentiċita' tagħha ma tqanqal l-ebda dubju;

[21] Paġ. 306 tal-proċess
[22] Art. 1875 tal-Kap 16
[23] F'paġġ. 19 – 20 tal-proċess

Illi għalhekk, għal kull fini, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin hija superata;

Illi **għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari** din trid li l-imħarrka Maria Micallef Grimaud titqies li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Hija tibni din l-eċċezzjoni fuq il-fatt li hija ma kinitx werrieta ta' zit żewġha u lanqas maħtura mandatarja tagħha;

Illi l-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Filwaqt li huwa minnu li l-imħarrka Maria Micallef Grimaud ma nħatritx bħala prokuratriċi ta' Maria Grazia Tanti u lanqas ma hija werrieta tagħha, l-atti tal-kawża juru li l-istess imħarrka, għallanqas f'xi ċirkostanzi ta' tmexxija ta' depożiti bankarji tal-mandanti Tanti, kienet ħadet sehem attiv u determinanti f'tali tmexxija jew amministrazzjoni. Is-sehem li ħadet l-imħarrka (għalkemm hija tgħid li kien wieħed dettat minn talba "biex tagħmel pjaċir"), kien, fi kliemha stess[24], mitlub mill-mandanti nnifisha, u wkoll minn żewġha l-imħarrek (il-mandatarju ġenerali). Inzerta li dan is-sehem kien jolqot ukoll il-mili minn idejn l-istess imħarrka ta' dokument ta' żbank ta' depożitu bankarju – l-ittra tad-9 ta' Diċembru, 1993[25] – li l-espert tal-kitba mqabbad mill-Qorti sab li jġorr fih firma falza. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, allura, titnissel raġuni għaliex l-imħarrka għandu jkollha postha f'din il-kawża, l-aktar meta wieħed iqis l-għan ewlieni tal-azzjoni attriċi u l-interess partikolari tal-atturi fl-aċċertament sħiħ u bla ħabi tal-ġid tal-awtriċi tagħhom il-mandanti Maria Grazia Tanti ;

Illi, minbarra f'dan, l-eċċezzjoni preliminari wkoll togħtor mill-aspett legali, għaliex il-prokura mogħtija minn Maria Grazia Tanti lill-imħarrek kienet tippermetti li, fil-qadi tal-ħatra mogħtija lilu, seta' jqabbad lil ħaddieħor bħala sostitut tiegħu jew flimkien miegħu u li hija kienet tirratifika dawk il-ħatriet. Jiġi għalhekk, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, li ladarba l-azzjoni attriċi hija waħda ta' għoti ta' rendikont marbuta mal-mandat, l-imħarrka ma tistax tippretendi li tinqala' 'l barra mill-azzjoni attriċi, għaliex bil-liġi dak il-jedd

[24] Xhieda tal-imħarrka 18.7.2005 f'paġġ. 476 – 7 tal-proċess
[25] Paġ. 272 tal-proċess

ta’ azzjoni jimxi wkoll direttament kontra kull persuna li l-mandatarju jkun qabbad minfloku[26];

Illi għalhekk lanqas it-tieni eċċezzjoni preliminari m’hija mistħoqqa u m’hijiex sejra tintlaqa’;

Illi dwar **it-tielet eċċezzjoni** mqanqla mill-imħarrkin, u li hija eċċezzjoni fil-mertu, din il-Qorti (diversament presjeduta) diġa’ iddisponiet bis-sentenza tagħha tal-4 ta’ Ottubru, 1999, fuq imsemmija, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra warrbet l-istess eċċezzjoni bħala waħda mhux mistħoqqa;

Illi għar-**rigward tal-azzjoni attriċi fil-mertu** diġa’ ngħad li l-qofol tal-azzjoni attriċi huwa dak li jikseb mingħand l-imħarrkin rendikont tat-twettiq tal-mandat. Il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq li jingħad li n-natura tal-azzjoni attriċi m’għandhiex la titwarrab għal kollox mill-azzjoni speċjali maħsuba fl-artikolu 389 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, imma lanqas ma għandha titqies li hija esklussivament dik l-azzjoni. Jista’ jkun li, skond kif tinqata’ din il-kawża, l-atturi jkollhom iduru għal dik l-azzjoni partikolari iżjed ’il quddiem, iżda jibqa’ dejjem il-fatt li l-azzjoni preżenti hija waħda marbuta mal-mandat mogħti lill-imħarrek;

Illi kif inhu mgħallem f’dan ir-rigward “*l’obbligo del mandatario di rendere il conto non importa l’applicazione della procedura di rendiconto, perche` questa non e` obbligatoria, ma rappresenta un mezzo istruttorio che puo` essere sostituito con altri mezzi*”[27]. Dan jingħad għaliex teżisti rabta, imma mhux identita` assoluta, bejn l-azzjoni kontra l-mandatarju biex jagħti kont tal-għamil tiegħu taħt il-mandat u l-azzjoni speċjali li l-liġi tagħti kontra kull persuna marbuta li tagħti rendikont. Kemm hu hekk, “*l’azione di rendiconto comporta in potenza anche un giudizio sulle eventuali responsabilita` connesse allo svolgimento concreto delle attivita’ inerenti al mandato; pertanto l’obbligo di rendere il conto puo` ritenersi adempiuto solo quando colui che vi e` tenuto abbia fornito*

[26] Art. 1876(3) tal-Kap 16
[27] Cassazione **8.3.1943** nru. 531

*la prova non soltanto delle somme incassate, della entita` e causale degli esborsi nonche` delle quantita` e la qualita` dei frutti percetti, ma anche di tutti gli elementi di fatto che consentano di individuare e vagliare le modalita` con cui l'incarico e` stato eseguito e di stabilire, anche in relazione ai fini da perseguire ed ai risultati raggiunti, se l'operato di chi rende il conto si sia adeguato a criteri di buona amministrazione*"[28];

Illi għalhekk azzjoni bħal dik imressqa mill-atturi jeħtieġ tingħaraf minn waħda fejn ikun tressaq rendikont li parti tkun trid tattakka għax ma taqbilx miegħu[29]. Kif sewwa jgħidu l-atturi, l-imħarrek qatt ma ressaq rendikont tat-twettiq tal-mandat la matul ħajjet il-mandanti Tanti u lanqas wara mewtha. Kulma ressaq fl-1995 (jiġifieri wara l-mewt tal-istess mandanti) kienet dikjarazzjoni maħlufa minnu għall-finijiet tat-talba tal-ħatra tiegħu bħala esekutur testamentarju. Dik id-dikjarazzjoni – li wkoll intwera li kienet nieqsa minn dikjarazzjoni sħiħa tal-ġid kollu li l-mejta kellha dak inhar li mietet – ma ssemmi bl-ebda mod kif tmexxa l-ġid li l-mandanti Maria Grazia Tanti kellha minn dak inhar li qabbdet lill-imħarrek bħala prokuratur tagħha sa dak inhar li mietet. Dan in-nuqqas imtela b'xi mod mill-ħidma tal-perit komputista li seħħlu jsib ħjiel tal-ġid u d-dħul li kellha l-mejta fuq medda ta' snin qabel mewtha;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li Maria Grazia Tanti kienet tafdahom b'għajnejha magħluqin u għalhekk l-atturi ma jistħoqqilhomx ikunu jafu aktar minn dak li kien għad fadal mill-wirt tagħha. L-imħarrkin jistkennu wara sensiela ta' dikjarazzjonijiet li Maria Grazia Tanti kienet xorta waħda baqgħet iżżomm ir-riedni fuq it-tmexxija ta' ħwejjiġha wkoll wara li kienet tat il-prokura sal-aħħar ta' ħajjitha, li huma kienu jagħmlu biss dak u kif tordnalhom l-istess Maria Grazia Tanti, u li ma kien isir xejn bla ma kienet taf hi[30]. Minbarra li l-imħarrek jgħid li zitu kienet

[28] Cassazione **2.8.1973**, nru 2230

[29] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **22.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco utrinque*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.140)** u P.A. **27.4.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Stockley vs Ċini*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.885**) għal espożizzjoni reċensjuri tal-għamla tal-azzjoni u l-ħtiġijiet għat-tressiq tagħha

[30] Xhieda tal-imħarrek 20.11.1998, 29.1.2001, 19.4.2004, 7.5.2004, f'paġġ. 287, 293, 300, 362 *tergo* u 435 tal-proċess

ukoll baqgħet iżżomm għandha l-kotba tal-bank jew it-titoli tad-depożiti tagħha[31], wasal biex fisser il-ħatra tiegħu bħala waħda fejn "kont sempliċi messaġġier"[32]. Huma jgħidu li Tanti kienet duttura u ma "tagħmilhiex bżar f'għajnejha" (*sic*), minbarra li ladarba kienet tiegħu kollox f'idejha, ma setgħux jinżammu responsabbli bix jagħtu kont ta' kif u x'għamlet bi ħwejjiġha;

Illi l-istampa li toħroġ mill-provi, madankollu, m'hijiex daqshekk sempliċi. Ibda biex, jirriżulta[33] li l-ħlasijiet taż-żamma tal-mandanti fid-dar tax-xjuħ kienu jsiru mill-imħarrek b'*cheque*, u l-mandanti kienet toqgħod attenta ħafna x'tonfoq u ma kinetx ħalja[34]. Imbagħad, hemm it-tnaqqis regolari u kull sena tal-ammont ta' depożiti bankarji li hija kellha kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta. Jirriżulta[35] li l-ispejjeż li Maria Grazia Tanti kellha biex tinżamm fid-dar tax-xjuħ (u l-ħlasijiet ta' taxxa) kienu anqas mill-ammont ta' pensjoni netta li hija kienet iddaħħal, b'mod li ntwera li somma kbira mill-assi li hija kellha "għabet" bla ma ngħatat tifsira ċara ta' kif seħħ dan[36]. Fuq kollox, intwera bis-saħħa tal-perizja tal-kitba, li dokument ta' żbank li suppost kien iġorr il-firma tal-istess Maria Grazia Tanti kien iġorr firma falza li ma saritx minnha. Dan il-fatt jitfa' dell qawwi fuq kemm kien minnu li l-imħarrek u martu kienu tassew iżommu lil Maria Grazia Tanti mgħarrfa b'kollox;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju, ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'eżami bir-reqqa taċ-ċifri u l-entita' tal-ġid tal-mandanti, għaliex b'dak li ssemma qabel u bil-konsegwenzi ta' dak li ħareġ mix-xhieda mogħtija u mill-provi dokumentali li jinsabu fl-atti tal-kawża, toħroġ xbiha ċara biżżejjed li l-azzjoni attriċi ma saritx għal xejn. Mhux hekk biss, imma din il-Qorti jidhrilha li huwa fl-interess tal-imħarrkin infushom li jsir rendikont xieraq u sewwa ta' kif tmexxa l-ġid ta' Maria Grazia Tanti tul iż-żmien kollu li kienet fis-

[31] *Ibid* f'paġġ. 302 u 430 tal-proċess
[32] Paġ. 434 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Sr Rosanna Saliba 24.5.2000 u dokumenti « G », « H » u « I » f'paġġ. 347, 166, 169 u 171 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Doris Caruana 25.3.1998, f'paġ. 242 tal-proċess
[35] Ara Dok "RM3", f'paġ. 508 tal-proċess
[36] Il-fehma tal-espert komputista f'paġ. 505 tal-proċess

seħħ il-prokura u li tali rendikont ikun lil hinn minn kull suspett u dubju;

Illi, fuq kollox, l-allegata fiduċja għamja li Maria Grazia Tanti seta’ kellha fl-imħarrek ma tistax tissarraf fiċ-ċaħda li jingħata rendikont tat-tmexxija lil kull min għandu interess li jitolbu.  Biex l-imħarrkin seta’ jseħħilhom jirreżistu l-azzjoni tal-atturi, riedu juru li l-mandanti kienet espressament ħelset lil neputiha mir-rabta li jagħti rendikont.  Prova f’dan is-sens ma nġabitx, u d-dokumenti fl-atti ma jwettqux dan.  Għall-kuntrarju, u forsi bla ma ntebhu, id-difiża li ressqu l-imħarrkin fis-sens li huma kienu jagħmlu kif u kulma kienet titlobhom il-mandanti u li kollox kienet tkun taf x’qed isir, juru li anke fil-fehma tagħhom Maria Grazia Tanti ma kinitx ħallithom mir-rabta li jagħtu rendikont tat-twettiq tal-mandat;

Illi **r-raba’ eċċezzjoni** għalhekk, u fid-dawl ta’ dak li għadu kemm ingħad, sejra titwarrab bħala mhix mistħoqqa;

Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa’ t-talbiet attriċi jidhrilha li għandha, fl-aħħarnett, tindirizza wkoll it-talba għall-ħatra ta’ perit komputista mill-ġdid biex jissorvelja t-tfassil tar-rendikont li l-imħarrek obbligat li jagħmel.  Dan is-suġġeriment sar mill-atturi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħhom u jtenni dak li kien intalab fit-tieni talba attriċi.  Din il-Qorti m’hijiex tal-fehma li għandha tilqa’ din l-istedina tal-atturi.  Jidhrilha li r-relazzjoni tal-perit komputista hija ċara u mirquma biżżejjed biex l-imħarrek jagħraf fejn huma n-nuqqasijiet riskontrati u x’dettalji għandhom jissemmew fir-rendikont biex jagħmluh wieħed xieraq u kif titlob il-liġi.  Min-naħa l-oħra, minħabba li l-Qorti m’hijiex qiegħda twarrab minn quddiem għajnejha l-possibilta’ li jista’ jkun li jifdal diffikultajiet ukoll wara jew jekk jitressaq ir-rendikont, ma jidhrilhiex li dak li l-imħarrek irid iwettaq personalment ikun b’xi mod attribwit lill-istess perit komputist.   Fi kliem ieħor, il-Qorti trid li r-rendikont isir u jitressaq taħt ir-responsabbilta’ sħiħa u waħdanija tal-imħarrek li huwa marbut li jagħmlu u bil-konsegwenzi kollha li jinstiltu minn dak il-fatt jekk kemm-il darba dan ma jsirx jew jintwera li ma sarx kif imiss.   L-għajnuna jew is-

superviżjoni ta' persuna mqabbda mill-Qorti ma tidhirx, għalhekk, għażla għaqlija;

Illi, minkejja dan, il-Qorti sejra tipprovdi fil-parti dispożittiva tas-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-atturi għandhom jedd li jingħataw mingħand l-imħarrek rendikont sħiħ tat-tmexxija li wettaq bejn Awissu tal-1987 u Diċembru tal-1994 tal-ġid ta' zitu (u zit l-atturi) Maria Grazia Tanti, xebba, bint il-mejtin Joseph Tanti u Marianna *nee*` Grech, u dan fid-dawl tal-prokura ġenerali mogħtija lilu mill-imsemmija Maria Grazia Tanti;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrek iressaq ir-rendikont xieraq u dettaljat tal-imsemmija tmexxija tiegħu sa żmien erbgħin (40) jum mil-lum, liema rendikont irid jitressaq fl-atti ta' din il-kawża maħluf mill-imħarrek u jitfassal fuq is-sejbiet u l-partiti dwar il-ġid ta' Maria Grazia Tanti kif imqassmin fir-Relazzjoni mressqa mill-perit komputista l-avukat Renald Micallef u li tagħmel parti mill-atti ta' din il-kawża, bla ebda ħsara għal kull jedd ta' azzjoni oħra xierqa spettanti lill-atturi taħt il-liġi f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-imħarrek li jwettaq dak ordnat lilu b'din is-sentenza;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundannahom**, flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**, magħdudin dawk marbutin mas-sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru, 1999.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------